**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 11 t' April 2002**

**Appell Nru 19/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabian Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Fabian Grima talli (**1**) f'dawn il-Gzejjer, fil-10 ta' Awissu, 1996 u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina bi ksur tal-ligi, (**2**) fl-istess zmien u cirkostanzi, assocja ruhhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (**3**) f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Awissu, 1996, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika bi ksur tal-ligi; (**4**) f'dawn il-Gzejjer, fl-1996, ikkommetta serq ta' ghaxar xkupi li l-valur taghhom hu ta' anqas minn mitt lira izda aktar minn ghaxar liri, a dannu tal-kumpanija ECO Paperbank, liema serq hu aggravat bil-persuna; (**5**) f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Mejju, 1996, ghall-habta tad-9.30 pm ikkommetta serq, minn karozza numru U-7392 tal-marka Renault, ta' diversi oggetti (li jinkludu *cheque books*, *radio casette*, nuccali tax-xemx u diversi *credit cards)*, li l-valur taghhom hu ta' aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira a dannu ta' Arthur Perici mill-Isla, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa; (**6**) fl-istess zmien u cirkostanzi, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fil-karozza U-7392 ga msemmija, kif ukoll f'karozza numru D-2526 tal-marka Nissan a dannu ta' Darren Gatt mill-Gudja, liema hsarat jammontaw ghal aktar minn mitt lira izda anqas minn hames mitt lira; (**7**) xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (**8**) sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18.10.94; (**9**) f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Frar**,** 1996 ikkommetta serq minn karozza numru D-2526 tal-marka Nissan ta' diversi oggetti li l-valur taghhom hu ta' aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira, a dannu ta' Darren Gatt mill-Gudja, liema serq huwa

aggravat bil-mezz, hin, valur u xorta tal-haga misruqa; u (**10**) f'dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Awissu, 1996 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data, minghajr licenzja bil-miktub, xtara, biegh jew kellu ghandu jew taht il-kontroll tieghu apparat tat-telegrafija minghajr fili jew apparat mahsub biex ikun uzat bhala parti li taghmel sehem minn dak l-apparat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Fabian Grima hati skond l-**ewwel**, it-**tieni**, ir-**raba'**, it-**tmien** u l-**ghaxar** imputazzjoni, izda lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u kkundannatu ghall-piena ta' **tmien xhur prigunerija** u **multa ta' hames mitt lira (Lm500)**; dik il-qorti, inoltre, **ikkundannatu jhallas is-somma ta' sittin lira u tlettax-il centezmu (Lm60.13c) spejjez peritali**; fl-ahhar nett dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li gie minn dik il-qorti nominat espert ghal dana l-iskop;

Rat ir-rikors ta' appell tal-istess Fabian Grima, minnu ppresentat fid-29 ta' Jannar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' April, 2002; semghet ukoll bil-gurament f'dina l-istess udjenza liz-ziju tal-appellant; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu ma kellux jinstab hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe` l-imputazzjoni tas-serq ta' l-ixkupi minn fuq il-post tax-xoghol. Dana l-aggravju ser jigi akkolt. Ghalkemm huwa minnu li l-appellant, fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija, qal li l-ixkupi hadhom minn fuq il-post tax-xoghol, il-prosekuzzjoni ma gabet ebda rappresentant tal-kumpanija ECO Paperbank biex jidentifika dawn l-ixkupi jew jghid li kienu naqsulhom xi xkupi minn fuq il-post tax-xoghol. Dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu huwa kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn xi xkupi jkunu ntremew mill-kumpanija, b'mod li min jehodhom ma jkun qed jikkommetti ebda reat. Fin-nuqqas ta' prova kif appena mfisser, id-dubbju ghandu jmur favur l-appellant, u ghalhekk din il-Qorti sejra tilliberah mir-raba' imputazzjoni.

It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Fir-rikors tieghu l-appellant iressaq diversi ragunijiet ghala huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja, jew piena karcerarja b'effett immedjat, fosthom it-trapass taz-zmien, il-fatt li huwa llum jiggestixxi n-negozju ta' missieru, u li rriforma ruhhu. Il-Qorti tosserva, pero`, li l-ligi hija cara f'dan ir-rigward: fil-kaz tar-reat ta' assocjazzjoni, il-piena ta' prigunerija hija tassattiva, u s-subartikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 jeskludi wkoll f'dan il-kaz l-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Kullma tista' taghmel din il-Qorti huwa aggustament zghir minhabba l-fatt li ser tllibera lill-appellant mir-raba' imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi (**a**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond ir-raba'

imputazzjoni, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' din l-imputazzjoni; (**b**) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu tmien xhur prigunerija, u **minflok tikkundannah seba' (7) xhur u hmistax-il (15) gurnata prigunerija**; u (**c**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.